MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2013

Numru 206/2013

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mario Haber)**
**vs**
**Ismael Mohamed Al Hassan**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Ismael Mohamed Al Hassan** ta' 35 sena, nazzjonalita' Sudaniza, imwieled is-Sudan fil-25 ta' Lulju 1977, iben Mohammed Hassan u Fatima, Numru moghti mill-Pulizija 11D-067.

Nakkuzah talli f'data f'Dicembru 2012, bhala persuna illi imbarka jew zbarka, minn jew go Malta naqas illi jkollu passaport u naqas illi jaghti lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jehtieg ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-kawza kontra l-imputat tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuza tirrizulta pruvata;

Rat l-artikoli 28 u 31(g) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tikkundanna lill-imputat ghal-terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------